**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 25 ta' Marzu 2025**

**Rikors Guramentat nru :53/2024 AGV**

**LM**

**Vs**

**CA**

**IL-Qorti,**

**Rat ir- Rikors ta' L LM li bil-gurament tikkonferma :-**

1. Illi minn relazzjoni illi l-partijiet kellhom twieldet il-minuri ZM fis-sebgha u ghoxrin ta' Settembru tas-sena elfejn u sittax u dan skond l-anness certifikat Dok A.

2. Illi mindu twieldet il-minuri  l-intimat dejjem irrifjuta illi l-minuri tigi rregistrata fuq ismu.

3. Illi ghalhekk prezentament il-minuri qieghda irregistrata fuq missier mhux maghruf.

4. Illi dawn il-fatti kif hawn fuq dikjarat huma a diretta konoxxenza tal-konvenut.

Talba ghar-ragunijiet premessi illi l-konvenut ighid ghaliex din lill-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:-

1. Tiddikjara illi l-konvenut huwa missier il-minuri  ZM   li twieldet fis-sebgha u ghoxrin ta' Settembru tas-sena 2016 u dan skond l-anness certifikat.

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjoni opportuna fic-certifikat tat-twelid tal-minuri Z M  .

3. Tordna illi kunjom il-minuri jinbidel u cioe' minn M  kunjom il-minuri ghandu jkun "MA  "

4. Tordna illi l-Att tat-Twelid Numru           jigi korrett fis-sens illi jigu mnehhija mil-kolonna rigward Taghrif Dwar Missier it-Tarbija, isem u kunjom l-konvenut, il-professjoni, l-eta' u l-konnotati dwar fejn l-istess konvenut twieled u joqghod b`mod illi l-minuri tigi ddikjarata

bint il-konvenut u billi jigi ordnat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku illi jaghmel dawn il-korrezzjonijiet u annotazzjonijiet relattivi.

**Bl-ispejjez kontra l-intimata li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.**

**Rat ir-risposta ta' CA , li eccepixxa s-segwenti:-**

1. Illi l-esponenti kien kellu relazzjoni mar-rikorrenti M, liema relazzjoni kienet twila biss seba` xhur.

2. Illi meta r-rikorrenti nqabdet tqila bil-minuri hija telqitu mal-ewwel.

3. Illi l-esponenti ma jarax li huwa jista' jkun missier il-minuri ZM huwa lest li jigi soggett ghal test ta' DNA biex jigi konfermat jekk huwiex il-missier bijologiku tal-minuri.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha tichad it-Talbiet kollha tar-rikorrenti.

U dan salv kull provvediment iehor li l-istess Onorabbli Qorti jogghobha timponi kif jidrilha xieraq u opportun.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

**IKKUNSIDRAT:**

**Fatti**

Minkejja li fir-Risposta tieghu, il-konvenut jinnega li huwa l-missier naturali u bijologiku tal-minuri ZM accetta li jassoggetta ruhu ghat-testijiet xjentifici tad-DNA, fejn fis-seduta tal-11 ta' Lulju, 2024, dina l-Qorti giet infurmata li t-testijiet saru u kkonfermaw li l-konvenut effettivament huwa l-missier naturali u bijologiku tal-istess minuri.[1]

In segwitu ghat-testijiet xjentifici, il-konvenut fis-seduta tas-7 ta' Jannar, 2025, ammetta l-premessi u d-dikarazzjonijiet maghmula mill-attrici fir-Rikors Guramentat taghha.[2]

**Konsiderazzjonijiet**

ZM twieldet skond l-attrici fis-27 ta' Settembru, 2016, wara relazzjoni li kellha mal-konvenut u mid-data tat-twelid, il-konvenut dejjem irrifjuta li t-tifla tigi rregistrata fuq ismu. Ghaldaqstant, it-tifla minuri hija rregistrata bhala bint ta' "missier mhux maghruf" kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid anness.[3]

[1] A fol. 17
[2] A fol. 21
[3] Dok. A

Fir-Risposta Guramentata tieghu, il-konvenut kien ippreparat jikkontesta dina d-dikjarazzjoni li hu mhux il-missier naturali u bijologiku tal-minuri Z , izda wara li accetta li jassoggetta ruhu ghat-testijiet xjentifici u cioe' dawk relatati mad-DNA rrizulta li huwa l-missier naturali u bijologiku.

Huwa pero' stabbilit, li dawn it-testijiet xjentifici jirrapprezentaw l-aqwa evidenza li jista' jkun hemm fuq min hu l-missier naturali u bijologiku. Ciononostante. "***Imkien ma tghid il-ligi illi l-provi genetici, wahedhom, huma bizzejjed biex, f'kull zmien, jibdlu l-istat tal-ulied.'***"[4]

Wara li nzammu t-testijiet xjentifici tad-DNA li kkonfermaw lill-konvenut huwa l-missier naturali u bijologiku tal-minuri ZM , huwa stess jikkonferma dak kollu ddikjarat mill-attrici fir-Rikors Guramentat taghha. Dina l-ammissjoni, flimkien mal-ittra ufficjali mibghuta mill-attrici, jissoddisfaw l-elementi mehtiega mil-ligi sabiex il-paternita' tigi kkonfermata.

**DECIDE:**

Ghaldaqstant, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

[4] Anthony Grima vs Josianne Grima , deciza 19 ta' April, 2012

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara li l-konvenut huwa missier il-minuri Z M li twieldet fis-27 ta' Settembru, 2016.

2. Tilqa' t-tieni talba attrici u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjonjiet opportuni fic-certifikat tat-twelid tal-minuri Z M .

3. Tilqa' t-tielet talba attrici u tordna illi l-kunjom il-minuri jinbidel u cioe' minn M isir " MA "

4. Tilqa' r-raba' talba attrici u tordna illi l-Att tat-Twelid Numru 9657 jigi korrett fis-sens li jigu mnehhija mill-kolonni rigwardanti "Taghrif Dwar il-Missier it-Tarbija," l-"missier mhux maghruf" u minflok jitnizzlu l-isem u kunjom il-konvenut , il-professjoni, l-eta' u l-konnotati dwar fejn l-istess konvenut twieled u joqghod, b'mod li l-istess minuri tigi ddikjarata bin il-konvenut u jigi ordnat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku illi jaghmel dawn il-korrezzjonijiet u annotazzjonijiet u kull korrezzjoni u annotazzjoni relattiva skond ma jirrizulta min-nota li ghandha tigi esebita mill-istess konvenut sa mhux aktar tard minn tletin (30) jum mid-data tas-sentenza.

L-ispejjez li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Onor. Imhallef Dr. Anthony J. Vella** **Registratur**